# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Illum 18 ta' Novembru 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 50/2024 JPG**

**Kawza nru.: 22**

**JB**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JB datat 1 ta' Frar 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi r-rikorrenti izzewget lil CB fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Awwissu tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) liema zwieg huwa registrat fir-Registru Pubbliku, bin-numru elf, tlett mija u hamsa tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1305/1998) – certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat* ***Dok 'A'****.*

*Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, NB li huwa maggorenni u KB li huwa minorenni.*

*Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan- Nutar Dottor Reuben Debono tas-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), kopja awtentika tal-istess qieghda tigi hawn annessa u mmarkata* ***Dok 'B'****.*

*Illi minkejja li l-kuntratt ta' separazzjoni gie ffirmat fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u dsatax (2019), ghaddew hafna aktar minn erba' (4) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu hajja separata minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.*

*Illi r-rikorrenti tiddikjara wkoll li l-manteniment dovut kif mifthiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom qieghed jithallas.*

*Illi ghaldaqstant l-esponenti tissodisfa r-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex tinghata d-divorzju.*

*Illi l-esponenti tixtieq tiddivorjza u li z-zwieg taghha jigi mahlul.*

*Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizza u tippronunzja d-divorzju ta' bejn ir-rikorrenti JB u CB u tiddikjara z-zwieg taghhom mahlul ai termini tal-Artikoli 66A et seq tal-Kodici Civili u kif ukoll tordna lir-Registratur tal- Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku, u dan taht kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-Intimat datata 14 ta' Marzu 2024, a fol 15 et seqq., li taqra hekk:

*1.Illi l-esponenti jikkonferma illi l-partijiet jissodisfaw r-rekwiziti kollha stabbiliti mill-ligi biex jinghata d-divorzju.*
*2.Illi kull manteniment u hlasijiet fil-kuntratt tas-separazzjoni huma pjenament mhallsa.*
*3.Illi l-esponent ma jsib ebda oggezzjoni u anzi jaderixxi ruhu ghat-talba attrici sabiex din l-Onorabbli Qorti tippronuncja u tawtorizza d-divorzju bejn il-partijiet.*

*4.Illi dan premess l-esponent ma ghandhu ebda provi ulterjuri xi jressaq u jinstab u ghaldaqstant jaqbel li din l-Onorabbli Qorti tista' serenament tghaddi ghas-sentenza fejn tippronuncja, tawtorizza u tordna d-divorzju bejn il- partijiet.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-Intimat (vide fol 15)** bil-gurament **sostna** illi il-partijiet izzewgu nhar it-22 t'Awwissu 1998 u li minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied. Iddikjara illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 17 ta' Settembru 2019 fl-atti tan-Nutar Dr Reuben Debono. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-attrici** fir-rikors promotur taghha tikkonferma il-fatt dikjarati bil-gurament mill-intimat.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(… omissis)***

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu*

***separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 t'Awwissu 1998 liema zwieg jgib certifikat numru 1478/1998 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 3 ). Minn dan iz-zwieg kellhom zewgt ulied, wiehed maggorenni mentri l-iehor huwa minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Reuben Debono nhar is-17 ta' Settembru 2019 (Vide fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1478/1998 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**